MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru 23/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna**
**Spettur Carmelo Abdilla)**
**vs**

**FRANCIS CREMONA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Cremona ta’ 20 sena mwieled Pieta nhar il-4 ta’ Gunju 1984 bin Francis u Theresa nee’ Attard residenti gewwa 32 Flat 2 Simone Triq Iz-Zonqor Sta Venera jew 171 Flat 8 Triq San Duminku il-Belt Valletta detentur ta’ Karta tal-identita 287184M.

Billi gie akkuzat talli:-

1. Nhar il-1 ta' Jannar 2005 ghall- habta ta' 3.00am gewwa Triq Id-Dragonara Paceville San Giljan volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta', PC857 J. Laferla u dank if iccertifikaw Dr.M.Grixti MD Tac-centru tas-sahha tal-Gzira dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess lok data u hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' Xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PS419 A Buttigieg, PC857 J.Laferla, PC343 G.Carabott, PC478 N. Mercieca u PC1562 A. Pace ai terminu tal-artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-Istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoi 92 u 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess lok data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjali pubblici imsemmija sabiex tingurja jew taghmel hsara lill-istess ufficjali pubblici dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-

xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

6. U aktar talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

7. U aktar talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli gewwa L-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan nhar il-1 ta’ Jannar 2005 bil-hsieb li ittellef il-Gieh jew inaqqas il gieh ta’ L-ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b’kitba b’disinji jew b’xi mod iehor immalafamajthom u dan ai terminu tal-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

9. Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-Imsemmija Ufficjali Pubblici tal-Korp Tal-Pulzija u ta’ l-persuni ohra imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut u inoltre skuza ruhu ukoll seduta stante ma' PC 857 presenti fl-Awla.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 221, 92, 95, 96, 339(1)(d), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342 u 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francis Cremona fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fis-Seduta tallum l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut u inoltre skuza ruhu ukoll seduta stante ma' PC 857 presenti fl-Awla u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Francis Cremona ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u sitt mija u disa' u disghin Euro (Euro 699) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Francis Cremona jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Francis Cremona b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma' PS419 A.Buttigieg, PC857 J.Laferla, PC343

G.Carabott, PC478 N. Mercieca u PC1562 A. Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Cremona l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------